**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Bajada**

Numru: 92/2009

Illum 12 ta' April 2018

Il-Qorti ;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Bajada**, ta' hamsa u hamsin (55) sena, iben Emanuel u Carmena nee' Mifsud, imwieled ix-Xaghra, Ghawdex nhar it-2 ta' Mejju 1954, residenti fil-fond numru Il-Warda, Triq San Guzepp, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 31854G, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-24 ta' Novembru 2009, u fl-ghaxar snin ta' qabel gewwa x-Xaghra, Marsalforn, Ghawdex u fi bnadi ohra f'hinjiet differenti,

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar

il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga kienet fil-pussess tieghu meta din id-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkuzat jew huma proprjeta tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xorta ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (fol. 986);

Rat illi din il-**<u>kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015</u>** moghti mis-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet sottomissjonijiet finali.

**<u>Dewmien ta' procedura</u>**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2009.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ittenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruħha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015:

> *Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-għir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*
>
> *Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni individwali biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'efficjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal- ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il-mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

---

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz il-Qorti semghet sebgha u ghoxrin (27) xhud:

PC759 Emanuel Zammit (a fol. 65 et seq.), Spettur Josric Mifsud (a fol. 68 et seq.), OMISSIS permezz tas-sistema tal-Video Conferencing (a fol. 71 et seq.), PC870 Reuben Farrugia (a fol. 94), OMISSIS (a fol. 95), Spettur Frank Anthony Tabone (a fol. 96 et seq.), WPC114 Gina Schembri (a fol. 103), Spettur Josric Mifsud (a fol. 111), Spettur Frank Anthony Tabone (a fol. 112 et seq.), PC278 Michael Tabone (a fol. 114), PC415 Angelo Portelli (a fol. 115 et seq.), PC1464 Michael Portelli (a fol. 116), PC1371 Alfred Grech (a fol. 117), PC883 Paul Azzopardi (a fol. 118), PC1117 Mario Camilleri (a fol. 119 et seq.), PC774 Anthony Calleja (a fol. 121 et seq.), Spizjar Mario Mifsud (a fol. 131 et seq.), Dr. Stephen Farrugia Sacco (a fol. 155 et seq.), Perit Gordon Vella (a fol. 317 et seq.); Joseph Mallia (a fol. 344), Dr. Justyne Caruana (a fol. 359), Spizjar Mario Mifsud (a fol. 636), OMISSIS (a fol. 767 et seq.), OMISSIS (a fol. 805 et seq.), OMISSIS (a fol. 901 et seq.), OMISSIS (a fol. 916 et seq.) u Saviour Farrugia (a fol. 945).

**Il-fatti skont xhieda relevanti ghad-determinazzjoni tal-kaz**

**L-Ispettur Frank Anthony Tabone**[2] xehed:

> *Nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru tal-elfejn u disgħa (2009) waqt li kont qiegħed fl-awla tal-Qorti flimkien mal-Ispettur Josric Mifsud rajna lil Joseph Bajada fejn konna ordnajna lill-*

[2] Seduta tal-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2009

*pulizija biex jarrestawh minħabba li konna qed nagħmlu investigazzjoni fuq traffikar tad-droga eroina.*

*Fil-fatt kien ġie arrestat u l-pulizija mbagħad bdew it-tfittxijiet fir-residenza li għandu x-Xagħra kif ukoll fir-residenza ta' Marsalforn. Fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru wkoll kienet ġiet ukoll arrestata OMISSIS. Ġiet mitkellma mill-Ispettur Josric Mifsud u minni u wara li ġiet mogħtija s-solita twissija hija kienet irrilaxxjat stqarrija.*

*F'din l-istqarrija OMISSIS kienet stqarret li hija kienet xtrat id-droga, is-Sur Joseph Bajada kien għaddielha d-droga eroina għal aktar minn darba, diversi drabi, liema stqarrija ġiet ukoll ġuramentata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Dottor Anthony Ellul nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru elfejn u disgħa (2009).*

*Fuq din l-investigazzjoni ukoll, xi ġranet qabel, fil-ħdax (11) ta' Novembru, waqt investigazzjoni li kont qed nagħmel ċertu OMISSIS, liema stqarrija ġiet rilaxxata fil-ħdax (11) ta' Novembru tal-elfejn u disgħa (2009) fejn huwa ukoll kien stqarr li huwa kien qiegħed jieħu d-droga eroina, liema droga eroina ukoll kien qed jixtriha m'għand ċertu Joe Bajada li huwa l-imputat.*

*Is-Sur OMISSIS kien ukoll ikkonferma din l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Dottor Anthony Ellul.*

**L-Ispettur Josric Mifsud**[3] xehed:

*Fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru waqt li kont qiegħed xogħol il-Qorti tela' is-Sur Joseph Bajada u jiena kelli investigazzjonijiet għaddejjin dwar każ differenti. Jiena tlabt li jiġi miżmum u s-Sur Bajada saritlu search ġewwa r-residenza li għandu fuq l-ID card ix-Xagħra. Ġewwa din is-search li kienet saret, PC 759 kien irrapporta lura illi kien sab pakkett kontenenti sustanza suspetta eroina ġewwa l-ħoġor tat-tieqa tal-kamra tas-sodda. Is-sustanza ġiet elevata, pakkett, u s-Sur Bajada kien għadu taħt l-arrest.*

**OMISSIS** [4] spjega:

*L-eroina nixtriha mingħand Joseph Bajada li għandu l-laqam magħruf bħala l-Leslies u l-Passett. Dejjem mingħandu xtrajt. Kuljum nixtri l-eroina mingħand Joseph Bajada. Niltaqgħu ħdejn ir-restaurant ta' Frenc. Jiena nċempillu fuq il-mobile. In-numru tiegħu hu 79919419. Inċempillu kuljum u l-bicca l-kbira dejjem niltaqgħu fl-istess post. Jiġi fuq il-post jagħtini pakkett bl-eroina. Normalment nasal l-ewwel fuq il-post u wara ftit minuti jasal fuq il-post il-Leslies. Fil-pakkett ikun hemm 0.2 gramma eroina. Imbagħad nitlaq mill-post. Gieli rajt nies oħra jistennew biex jixtru mingħand Joseph Bajada. Kien hemm drabi li rajt nies oħra jixtru l-eroina mingħand il-Leslies. Hu dejjem waħdu jkun. Għandu karozza Volkswagen Polo kulur ħamra.*

---

[3] Seduta tal-Ħamis, 3 ta' Diċembru 2009
[4] Seduta tal-Ħamis, 3 ta' Diċembru 2009

**PC 870 Reuben Farrugia**[5], xehed li:

*Fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru kont qiegħed xogħol il-garaxx – parti mix-xogħol tal-garaxx huwa lock-up attendant – f'xi t-tmienja u nofs (~ 8.30) waslu l-priġunieri minn Malta, kien hemm OMISSIS magħhom. L-imputat Joseph Bajada talabni biex joħroġ it-toilet u ħriġtu t-toilet s'intendi u biex imur għal ġot-toilet kellu bil-fors jgħaddi minn quddiem iċ-ċella ta' OMISSIS. Kif kien għaddej qallu, "jien lilek noqtlok!" qallu, "X'mort għidt fuqi?!" Dak kien li ġara. Imbagħad biex nippreveni biex x'ħin joħroġ mit-toilet ma jerġax ikellmu, għajjatt l-iskorta tiegħu biex ineħħih minn dik iċ-ċella u ħallejnih barra ġol-kcina biex ma jerġax ikun hemm kuntatt bejniethom.*

**OMISSIS**[6] xehed:

*Meta kont qiegħed ħażin kemm-il darba xtrajt id-droga mingħand Joe Bajada magħruf bħala Il-Leslies. Dan ġara fis-sajf elfejn u sitta (2006). Kont inħallsu għaxar liri Maltin (Lml0) kull darba. Naf li Joe Bajada kien għamel żmien il-ħabs u meta ħareġ jiena kont għadni clean. Joe Bajada kien iħarisli bi ikraħ għaliex jiena kont xehedt fil-każ li kellu. Kont sirt naf lil OMIDDID Marsalforn u bdejt nixtri mingħandha. OMISSIS kienet qegħda toqgħod Marsalforn 'il fuq mill-ispiżerija. L-appartament tiegħi mhux imbiegħed minn hemm. Kont inċemplilha u nistaqsi lil*

[5] Seduta tal-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2009
[6] Seduta tal-5 ta' Dicembru 2013

*OMISSIDS għandhiex xi fenek. Dan kien ifisser għad-droga. Kienet tgħidli biex immur għandha. Kont ngħidilha ser nitlaq issa bil-mixi u biex tinżel tiltaqa' miegħi nofs triq. F'dan iż-żmien Joe Bajada u OMISSIS kienu poġġuti. Darba minnhom inżilt u sibt lil Joe Bajada ma' wiċċi. Jiena ma ssugrajtx u dort 'l isfel. Ċempilt lil OMISSIS u għidtilha li ma kellhix tibgħat lilu għaliex miksurin u ma nitkellmux. OMISSIS qaltli biex ninsa kollox għaliex ħafirli u qaltli biex nerġa' mmur u niltaqa' miegħu fit-triq biex jagħtini l-pakkett tad-droga. Qaltli li ma kinitx tiflaħ tiġi hi. Fil-fatt hekk ġara. Jiena mort niltaqa' ma' Joe Bajada u hu tani l-pakkett bl-eroina u jiena tajtu l-flus. Minn dakinhar erġajna bdejna nitkellmu. Minn dakinhar daqqa kienet tiġi OMISSIS tagħtini d-droga u daqqa jiġi Joe Bajada. Dejjem konna niltaqgħu Marsalforn.*

*Jiena m'għandi xejn kontra OMISSIS u Joe Bajada. Li naf hu li tajthom ħafna flus. Għamilt sajf sħiħ tista' tgħid kuljum nixtri pakkett droga b'għaxar liri Maltin (Lml0). Id-droga kont nixtriha mingħand OMISSIS u Joe Bajada f'Għawdex u mhux mingħand ħaddieħor. Ġieli però xtrajt ukoll droga minn Malta. Dan f'xi żewġ okkażjonijiet. Darba minnhom inqbadt mill-pulizija. Għal min ikun jiddependi fuq id-droga kif kont jiena, id-droga iktar irħisa f'Malta għaliex tinbiegħ bil-gramma. Malta ibiegħulek bil-gramma, jiġifieri bil-kwantità. F'Għawdex pakkett farka jkollu. F'Għawdex bil-pakkett ibiegħ. F'Għawdex minn gramma jagħmillek bejn wieħed u ieħor naħseb li jagħmillek disa' (9) pakketti.*

**OMISSIS**[7] xehed:

*Ix-xhud:*

*Kont nixtri m'għand Joey u m'għand Dorothy.*

*L-Ispettur Frank Anthony Tabone:*

*Issa, x'kont tixtri mingħand Joey u Dorothy?*

*Ix-xhud:*

*L-ismack.*

*Il-Qorti:*

*Joey min hu?*

*Ix-xhud:*

*...*

*Il-Qorti:*

*Ix-xhud għall-mistoqsija magħmula mill-Qorti qed jindika lill-imputat Joseph Bajada.*

*L-Ispettur Frank Anthony Tabone:*

*Issa, din l-istqarrija lill-Ispettur Mifsud għidtlu meta kien il-perjodu li inti kont tixtri l-ismack mingħand is-Sinjur, l-imputat?*

*Ix-xhud:*

*Bl-amment ma nafx. Ma nafx ta.*

*L-Ispettur Frank Anthony Tabone:*

*X'għidtlu mela lill-Ispettur Mifsud? Dakinhar li kellemtu, x'għidtlu? Kemm kienu dawn l-okkażjonijiet li inti xtrajt l-ismack mingħand l-imputat?*

*Ix-xhud:*

[7] Seduta tad-9 ta' Mejju 2013

*Għamilt xi sena nixtri mingħandu.*

*L-Ispettur Frank Anthony Tabone:*

*Għamilt xi sena tixtri mingħandu. Kemm kont tixtri smack mingħand dan is-Sinjur, mingħand l-imputat?*

*Ix-xhud:*

*Xi pakkett kuljum.*

*L-Ispettur Frank Anthony Tabone:*

*Il-prezz?*

*Ix-xhud:*

*Għoxrin ewro (€ 20).*

*L-Ispettur Frank Anthony Tabone:*

*U kemm kont tħallas għal pakkett?*

*Ix-xhud:*

*Għoxrin ewro (€ 20).*

*L-Ispettur Frank Anthony Tabone:*

*Aw, sorry, kemm kien fih il-pakkett?*

*Ix-xhud:*

*Ma nafx bl-amment. Kemm jista' jkun fih?!*

*Il-Qorti:*

*Doża kont tieħu naħseb.*

*Ix-xhud:*

*Mhux hekk!*

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali.

**Preliminari**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire,* l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista'

jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the*

*case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti se tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

Il-Qorti fid-decizjoni li se tiehu se zzomm quddiem ghajnejha ghadd ta' dikjarazzjonijiet mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn trattaw reati varji marbuta mad-droga.

Dwar l-elementi tal-pussess ghall-fini tal-ligi dwar id-droga, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Borg** fit-23 ta' Gunju 1997, intqal hekk:

*"Dwar x'jammonta ghal pussess ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan**. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha xi forma ta' kontroll tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal pussess ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll **P. v. Charles Clifton**, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982)."*

In oltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya bint Abdellatif** tas-16 ta' Frar, 1998 inghad hekk:

*"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur*

*ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi:* ***P vs Charles Clifton****, 5/7/82,* ***P vs Martin Xuereb****, 20/9/96,* ***P vs Seiffedine Mohamed Marshan****, 21/10/96, u* ***P vs John Borg****, 23/6/97, kollha appelli kriminali)."*

In oltre skont l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skont l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat

volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Awwissu 1998, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Marvin Cachia**, fejn l-istess Qorti rriteniet hekk dwar traffikar:-

> *"Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-cannabis) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm traffikar skond il-ligi. Anke jekk wiehed ihalli d-droga f'post accessibbli ghal terzi u fejn jaf li x'aktarx ser tittiehed minn haddiehor, u din effettivament hekk tittiehed, ikun hemm traffikar".*

Il-Qorti m'ghandha xejn izjed x'izzid ma' dan kollu. Ghar-rigward tal-pussess bl-aggravanti, imbaghad, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Jason Mallia**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999), fejn inghad hekk fir-rigward tar-reat in kwistjoni:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali*

*intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha."*

Dwar ir-reat tal-pussess bl-aggravanti, intqal hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Brian Caruana**,

> *"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".*

**Id-dikjarazzjonijiet guramentati**

L-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "*<u>Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali</u>, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi kkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat u kull xiehda li dik il-persuna tagħti quddiem qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx*

*imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi*" [sottolinear ta' din il-Qorti].

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Mejju 2003, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Pierre Gravina**:

*"... meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontro-ezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali[8] fis-sentenza Ir-**Repubblika ta' Malta v. Charles Paul Muscat**[9] meta kienet qeghda titratta l-eccezzjonijiet preliminari:

[8] S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri, Onor. Imħallef David Scicluna u Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon.
[9] Att ta' Akkuża Nru. 17/2015

- **l-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni għall-artikolu 661 biss.**
- **ix-xhieda għandhom jinstemgħu *viva voce* (salv f'dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali).**
- **Fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali.[10]**
- **jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda, hu applikabbli *a contrario sensu* l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali.**

Skont l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar.

L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi fi kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie mbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena

[10] Ara, per eżempju, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Barbara**, 17 ta' Jannar 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella**, 28 ta' Lulju 2011.

imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, Il-**Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

**Ikkunsidrat:**

Il-Prosekuzzjoni qeghda ssejjes din l-imputazzjoni fuq ix-xhieda ta' hames persuni – OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS – li lkoll indikaw lill-imputat odjern bhala l-persuna li, fil-perjodu li ghalih jirreferu dawn l- imputazzjonijiet, fornihom bid-droga eroina. L-imsemmija xhieda lkoll ikkonfermaw l-istqarrija rilaxxjata minnhom lill-Pulizija Ezekuttiva quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u eventwalment xehdu wkoll f'dawn il-proceduri.

Da parti tieghu, l-imputat qed jikkontesta dawn l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu nhar il-25 u 26 ta' Novembru 2009, wara li huwa gie arrestat u saritlu tfittxija fir-residenza tieghu ghal sustanzi illeciti jew oggetti ohrajn relatati mad-droga, u wara li nghata s-solita twissija skont il-ligi u d-dritt li jikkonsulta ma' avukat.

Illi l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq l-istqarrijiet guramentati ta' OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS lill-Magistrat Inkwirenti li permezz taghhom, huma kkonfermaw l-istqarrija li huma rrilaxxjaw lill-pulizija, xehdu f'dawn il-proceduri u implikaw lill-imputat fit-traffikar tad-droga.

Il-Qorti fliet bir-reqqa dawn l-istqarrijiet, ix-xhieda taghhom quddiem il-Magistrat Inkwirenti u anke x-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri.

Sfortunatement, il-Qorti kif preseduta ma kellhiex okkazzjoni li tisma' lix-xhieda u tara l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda meta huma taw ix-xhieda taghhom.

Meta tiehu dan kollu in kunsiderazzjoni u tqis b'mod partikolari illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma msejsa fuq ben hames stqarrijiet guramentati u xhieda li lkoll identifikaw lill-istess imputat bhala l-persuna li minghandu l-istess xhieda kienu jixtru d-droga eroina, veru li persuni li jabbuzaw mid-droga jkunu jafu lil xulxin u li ghalhekk ikunu jafu wkoll lil min iforni d-droga eroina, biss f'dan il-kaz, il-Qorti tqis ukoll illi hawn si tratta ta' hames persuni li gew investigati lkoll b'mod separat, f'kazijiet ghal kollox separati minn xulxin u fuq perjodu ta' zmien differenti.

Il-Qorti hija konvinta minghajr dubju dettat mir-raguni l-aktar bix-xhieda ta' OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fis-sens illi huwa traffika u forna d-droga eroina fil-perjodu li ghalih tirreferi l-istess imputazzjoni gew ippruvati sodisfacentement fil-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti tqis li r-reati odjerni li taghhom din il-Qorti qed issibu hati, **<u>huma serji hafna u li qed jirrovinaw is-socjeta Maltija</u>**.

Dwar il-flagell tad-droga il-Qorti terga' ttenni:

> *Il-flaġell tad-droga qed ikompli jinxtered f'forom u f'dimensjonijiet li jimpressjonawk; hu sostnut minn suq moqżież li ma jafx bi frunitieri nazzjonali u kontinentali. U b'hekk qed ikompli jikber il-periklu għaż-żgħażagħ u għall-adolexxenti. Quddiem fenomenu bħal dan, inħoss il-ħtieġa li nuri n-niket u l-preokkupazzjoni tiegħi.*
>
> *Irrid ngħid b'mod ċar ħafna li d-droga ma tintrebaħx bid-droga! Id-droga hi xi ħaġa ħażina, u fejn hemm dak li hu ħażin la tista' ċċedi u lanqas tagħmel kompromessi.*[11]

Din il-Qorti thoss li hemm bzonn aktar ko-ordinazzjoni bejn il-Forzi tal-Ordni f'Malta u Ghawdex biex bla hniena jikinsu t-toroq Ghawdxin minn min qieghed jeqred tant familji b'ghemilhom. Il-Qorti tikkonferma, taqbel u tinghaqad fl-appell li ghamel l-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fil-15 ta' Awwissu li ghadda:

[11] Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza li dawk li ħadu sehem fil-31 edizjoni tal-"International Drug Enforcement Conference" nhar l- Ġimgħa, 20 ta' Ġunju 2014.

*Id-droga hija ġerħa serja f'Għawdex tagħna! Diversi qaluli li hawn xibka mifruxa sewwa u fiha qegħdin jinqabdu mhux biss żgħażagħ imma anki tfal taħt l-età.*

*[…]*

*Min isir skjav tad-droga mbagħad jagħmel dak kollu li jiġi għal idejh biex jissodisfa d-dipendenza tiegħu. Naf b'familji li ftaqru għax uliedhom inħakmu f'dawn ix-xbieki. Oħrajn, wara li dewquhom id-droga, qabdu t-triq tal-kriminalità, bħalma huwa l-logħob tal-azzard, l-użura u s-serq.*

*[…]*

*Kien hemm min stagħna sew mill-kummerċ tad-droga, u biex jaħbu dnubhom ħolqu sistemi 'puliti' kif jaħslu l-flus.*

*[…]*

*Id-droga hija ħażina u ma għandna nagħmlu ebda ċediment jew kompromess dwar l-użu tagħha.*

Illi in linea generali jinghad li:

*Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[12]

Ghall-fini ta' piena, il-Qorti qieset fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern, liema fedina penali kienet wahda refrattarja u tikkonsisti inter alia f'diversi kundanni dwar sewqan minghajr licenza u polza ta' assikurazzjoni, diversi reati kontravvenzjonali u offizi hfief fuq il-persuna, serq aggravat, traffikar u pussess tad-droga eroina, hsara volontarja, pussess ta' strument li jaqta' u bil-ponta f'izjed minn okkazzjoni wahda.

**DECIDE:**

[12] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17 tal-Kap. 9 qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tikkundannah **hames (5) snin prigunerija effettiva u multa ta' tliet elef u hames mitt ewro (€3,500).**

Inoltre wara li rat Artikolu 533 tal-Kap 9 tordna lill-hati jhallas tlett elef mija u wiehed u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmu (***€3141.93***)[13] spejjez peritali fi zmien xahar millum. Il-Qorti tordna li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien xahar mid-data tas-sentenza, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli oħra tal-ħati.

Finalment il-Qorti tordna li, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Assistent Reġistratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti.

[13] €1121.00 - Dr. Stephen Farrugia Sacco, € 515.93 – Spizjar Mario Mifsud, € 157.32 – Perit Gordon Vella, €808.75 – Dr. Justyne Caruana, €479.93 – Joseph Mallia u €59.00 – Spizjar Mario Mifsud - TOTAL: € 3141.93

Il-Qorti tordna divjet fuq l-ismijiet tal-hames persuni li b'xi mod implikaw lill-imputat fil-bejgh tal-eroina jigifieri: OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**